# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NUMRU 2 4 2 4

### Chairman: Dr Leslie Cuschieri Cert.Dip.Stud., LL.D.

**Kaz Numru 3184/LC**

**Fil-kwistjoni tax-Xoghol bejn**

**Av Dr Enrico Depasquale**

**vs**

**MSV Life plc**

**dwar allegat ksur tal-Kap 452 (kumpens komparabbli ghall-xoghol ta' valur komparabbli) u agir diskriminatorju**

Illum 12 ta' Jannar 2016

Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali b'rikors ta' Dottor Enrico Depasquale pprezentat fir-Registru tal-Qorti fl-4 ta' Dicembru 2013 tramite l-avukat Dottor Andrew Borg-Cardona. Ghall-iskopijiet ta' Artikolu 78 ta' Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li dan il-kaz ma setghax jigi deciz fiz-zmien moghti bil-ligi minhabba li l-gbir tal-provi ha fit-tul.

DIKJARAZZJONIJIET

Ir-Rikorrent jiddikjara fir-rikors tieghu li huwa kien gie impjegat mill-intimati fl-1 ta' Frar 2006, u fl-1 ta' Ottubru 2010 huwa gie appuntat bhala "Legal & Compliance Officer", liema pozizzjoni kienet fil-grad ta' Executive Head; jghid li tul l-impieg tieghu f'dan il-grad huwa kien jithallas komparabbilment bhall-Executive Heads l-ohra, hlief, kif eventwalment sar jaf wara, ghall-beneficjui relatat mal-karozza ("car-allowance") li fisser ghalih telf ta' circa €600 fix-xahar tul iz-zmien li dam jokkupa l-kariga; jghid li meta ressaq dan

il-kaz huwa ma kienx ghadu impjegat mal-intimati, pero` t-talba tieghu li jigi ttrattat fuq l-istess bazi bhal dawk li jokkupaw l-istess grad permezz ta' hlas tal-beneficccju imsemmi hawn fuq giet konsistementement rifjutata. Ir-rikorrent talab li t-Tribunal jiddikjara li t-trattament li inghata kien bi ksur tal-Kap 452 (kumpens komparabbli ghal xoghol ta' valur komparabbli) u in oltre jikkostitwixxi agir diskriminatorju, u li ghandu jinghata kumpens li jikkonsisti kemm fl-ammont mhux percepit kif ukoll kumpens ghall-agir diskriminatorju. Ir-rikorrent ma ipprezentax Dikjararazzjoni tal-Kaz.

Il-kumpanija intimata rrispondiet b'Dikjarazzjoni Tal-Kas fejn qablet li r-rikorrent kien dam impjegat mill-1 ta' Frar 2006 sal-21 t'Awwissu 2013 meta huwa irrezenja; fl-1 t'Ottubru 2010 huwa kien gie appuntat "Legal And Compiance Officer" fil-grad ta' Executive Head. L-intimata irrespingiet l-allegazzjoni ta' nuqqas ta' kumpens komparabbli ghal xoghol ta' valur komparabbli u ta' diskriminazzjoni. Gie eccepit li t-talba tar-rikorrent hija preskritta fil-magor parti taghha ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16.
Il-kumpanija intimata zzid li kien hemm Executive Heads ohra li ma kienux jikkwalifikaw ghal "car allowance" stante li din l-allowance kienet beneficju diskrezzjonali. Fl-2011 kien sar ristrutturar u l-grad tar-rikorrent sar ta' 'manager', u ma din il-kariga ma kien hemm abbinata ebda 'car allowance'. Jinghad li r-rikorrent qatt ma lmenta minn din il-haga, anqas fl-ittra tar-rizenja tieghu. Ir-rikorrent kien ilu jaf b'dan mill-istrutturar tal-2011, u qatt ma ressaq ilment, l-anqas fl-ittra legali tieghu tal-10 ta' Dettembru 2013. Jinghad li l-principju tal-hlas ugwali ghal xoghol ugwali ma kienx japplika ghaliex sakemm ir-rikorrent kien Executive Head, huwa ma kienx jaghmel xoghol komparabbli mal-Executive Heads li kellhom karozza, mentri meta sar manager, kienu s-'senior managers' biss li kienu intitolati ghal karozza. Jinghad li kwalunkwe ammont li jista' jigi konsidrat dovut jista jirreferi biss ghaz-zmien li jmur lura sa sena minn meta r-rikorrent dahhal l-ilment tieghu stante li kwalunkwe ammont precedenti huwa preskritt ai termini tal-Artikolu 2147(c) tal-Kap 16.

PRELIMINARI

Fl-ewwel seduta, li nzammet fil-1 ta' Frar 2014, kien hemm qbil li l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tigi deciza mad-decizjoni finali, kif fil-fatt qed isir issa.

IL-PROVI MIGJUBA

Ir-Rikorrent jghid li meta fl-1 t'Otturbru 2010 huwa gie promoss ghall-grad ta' Executive Head (bhala Legal and Compliance Officer), huwa kien ser ikollu car-benefit allowance. Jghid li kienu sitta fil-grad ta' Executive Heads, imma hu biss ma kellux car-allowance. Kull meta qajjem din il-haga mal-Human Resources dejjem kienu jghidulu li kien jiddependi minn David G. Curmi, is-CEO, pero' dan jimxi bil-grazzji. Lil Curmi ma kellmux direttament ghaliex kien ihossu jkellmu differentement minn kif kien ikellem lill-ohrajn: kultant ihossu bhal irid iwaqqghu ghac-cajt quddiem min ikun prezenti. Gieli kien jghidlu li "L-avukati ma nahmilhomx." Ylenia Micallef Grimaud hija avukat ukoll li kienet tahdem bhala Compliance Officer izda sussegwentement saret Personal Assistant ma' Curmi. Din kienet qablet li ma kienx sew li r-rikorrent ma kellux car-benefit. Jghid li dan il-beneficcju kellu valur ta' €600 fix-xahar, u ghamel madwar 3 snin imcahhad minnu. In kontro-ezami jghid li huwa beda jilmenta minn din id-diskriminazzjoni malli ha l-kariga, u cioe mill-2010, u anke kiteb email f'dan is-sens. Jghid li kien ihossu trattat differenti b'mod generali, imma l-kaz huwa biss dwar il-car-allowance. Huwa kkonferma li spicca mill-impieg fil-21 ta' Awwissu 2013.

Ittella' Norman Mifsud li jmexxi l-Human Resources tal-kumpanija intimata. Jghid li Jackie Mizzi kienet Senior Executive Manager li jigi grad taht dak ta' Executive Head. Jghid li l-car-allowance kien "perk" diskrezzjonali li inghata anke lil min kien erba' gradi aktar baxxi, mentri kien hemm ohrajn daqs ir-

rikorrent li wkoll ma kellhomx karozza, bhal ma kienu ic-Chief Accountant Karen Pisani, Etienne Schiberras, u Josef Gauci. Kien is-CEO li fid-diskrezzjoni tieghu jiddeciedi min ikollu car-allowance. Jikkonferma in kontroezami li Denise Bezzina, Ray Gibson, u Josef Gauci ukoll kienu Executive Heads u ghandhom Car Allowance, bhal ma ghandhom Karen Pisani u Etienne Sciberras. Qabel ir-ristrutturazzjoni Jackie Mizzi kienet grad taht ir-rikorrent. Jikkonferma li l-kumpanija kellha Equality and Diversity Policy. Jghid li r-rikorent gieli kellmu li ma kienx kuntent fuq ix-xoghol, u f'dan il-kuntest kien kitiblu email gurnata qabel spicca mix-xoghol biex jurih id-dispjacir tieghu ghal dan u biex jawguralu ghall-futur. Jghid li qabel ir-ristrutturar kien hemm 6 Executive Heads li erbgha minnhom kellhom karozza, skond kif is-CEO deherlu li kien hemm bzonn. Dokumenti esebiti minnu juru li dan il-beneficju kien ta' €7,200 fis-sena, oltre l-fuel. Jippreċiża li r-ristrutturar sar f'Gunju 2011. Jghid li kien hemm min kien taht ir-rikorrent u mar-ristrutturar gie daqsu jew fuqu, imma hadd ma waqa' tahtu ghaliex il-performance tar-rikorrent ma tjibitx daqs kemm kien jistenna s-CEO. Igifieri kien minhabba din il-performance mhux daqstant tajba li s-CEO fid-diskrezzjoni tieghu iddecieda li r-rikorrent ma jinghatax il-beneficcju tal-karozza. Dwar li r-rikorrent kien ihossu diskriminat, jghid li forsi Curmi kien jghid "bongu" lil certu haddiema u lilu ma kienx jghidlu.

Ylenia Micallef Griamud xhedet li hija Assistant ghas-CEO, imma bejn l-2010 u l-2012 hija kienet fil-Compliance Unit taht ir-rikorrent. Tghid li r-rikorrent ma kienx jiddelegalha x-xoghol kollu li kien jaghmel hu, u allura x-xoghol setghet titghallmu biss wara li r-rikorrent telaq mill-impieg. Dawn kienu jkunu anke xogholjiet semplici bhal filing.

David Curmi, il-Kap Ezekuttiv, spjega kif ir-rikorrent kien gie impjegat fl-2006 u bidel il-karigi maz-zmien. Jghid li wara li f'Ottubru 2010 hatru Legal and Compliance Officer u ziedlu l-beneficju, fl-2011 sar ristrutturar fejn ir-rikorrent ma baqax Executive Head imma sar manager, pero' l-kundizzjonijiet tax-xoghol baqghu l-istess. Kellu Fuel Allowance ta' €1,800 fis-sena.

Jikkonferma li jekk tinghatax car-benefit jew le kienet fid-diskrezzjoni tieghu u tiddependi mill-performance tal-individwu. Ipprezenta Transport & Fuel Scheme Policy fejn il-beneficju ta' karozza kien indikat ghas-Senior Managers mentri l-Managers (bhar-rikorrent) kienu intitolati ghal Fuel Allowance ta' €150 fix-xahar.

Karen Pisani xhedet li saret Kap Ezekuttiv tal-kumpanija intimata f'Gunju 2008 sa Gunju 2011 meta saret Chief Accountant, u cioe` senior manager. Meta kienet kap ezekuttiv, ma kellhiex car-benefit.

KONSIDERAZZJONIJIET

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni indikata fl-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili, jigi notat li tali preskrizzjoni tirreferi ghal hlasijiet fix-xahar ta' salarji miftehma. Hawnhekk m'ahniex nittrattaw hlas miftihem li ma giex imhallas, imma ilment ta' diskriminazzjoni fejn ir-rikorrent jinnota li haddiema ohra fil-grad tieghu kien inghatalhom beneficcju ta' karozza mentri huwa ma inghatax karozza. Sewwa tghid l-abbli difensur tal-kumpanija intimata fin-Nota taghha li l-beneficju tal-karozza ma kienx jifforma parti mill-ftehim tal-impieg. Ir-rikorrent jippretendi l-beneficju tal-karozza mhux bhala hlas li kien intitolat ghalih, imma bhala nuqqas fit-trattament bejn impjegati b'valur ta' impieg komparabbli. Ghalhekk il-preskrizzjoni ta' sena indikata fl-Artikolu 2147(c) tal-Kodici Civili ma tapplikax u mhix tintlaqa'.

Se mai, jekk kien hemm xi terminu applikabbli huwa terminu perentorju stabbilit mill-ligi industrijali ta' Malta. L-ilment tar-rikorrent jaqa' taht l-ilmenti elenkati taht l-Artikolu 26(2)(b) tl-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta stante li jirrigwarda diskriminazzjoni fil-kondizzjonijiet tax-xoghol. Pero' din il-ligi ma tippermettix li l-azzjoni tinbeda wara li jghaddi l-perjodu ta' erba' xhur –

hekk kif kjarament indikat bl-Artikolu 30(1) tal-istess Att Dwar L-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijli.

Sew argumenta l-abbli difensur tar-rikorrent li l-gurisprudenza Maltija in rigward tghallimna li meta diskriminazzjoni tibqa' ghaddejja zmien twil, din tiehu xehta ta' reat kontinwat u l-azzjoni tkun tista' tibda sa erba' xhur minn meta tieqaf tali diskriminazzjoni. Issa jirrizulta li r-rikorrent spicca mill-impieg fil-21 ta' Awwissu 2013, u ghalhekk wara dik id-data ma baqghet issir ebda diskriminazzjoni. Dan ifisser li r-rikorrent kellu sal-21 ta' Dicembru 2013 biex jibda l-kawza odjerna. Huwa fetah dan il-kaz fl-4 ta' Dicembru 2013 u allura l-kaz sar fi zmien tajjeb.

Jibqa' ghalhekk il-mertu. Norman Mifsud u David Curmi ma humiex cari meta jippruvaw jispjegaw ghaliex hemm haddiema li ghandhom car benefit u ohrajn le, pero meta tiehu x-xhieda kollha taghhom wiehed jista' jasal ghall-konkluzjoni li qabel ir-ristrutturar ta' Gunju 2011 dan il-beneficju kien jiddependi b'mod assolut fuq il-"grazzja" tac-Chief Executive Officer, imlibbsa bil-pulit bhala "diskrezzjoni." Mar-ristrutturar il-policies saru aktar cari u sahansitra inkitbu. Il-kumpanija intimata tibni d-difiza taghha fuq l-idea li r-rikorrent ma kellux performance tajba, u dan jirrizulta minn Performance Management Appraisal for 2012, miktub minn David Curmi fit-18 t'April 2013. (folio 84), kif spjegat b'dettal b'email tat-22 t'April 2013 (folios 85-86). Il-kumpanija intimata bhal tikkonkludi li finalment din hija r-raguni ghaliex ir-rikorrent ma inghatax il-beneficju ta' karozza. Pero' b'mod kemmxejn kontradittorju targumenta wkoll li r-rikorrent kellu grad ta' manager u dan ma kienx jintitolah ghal car-benefit; car benefits kien jinghata biss lis-senior managers.

Dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax li b'dan il-kumpanija intimata mhix konvincenti dwar x'inhi r-raguni veru ghalxiex ir-rikorrent ma inghatax dan il-beneficju. Ir-rikorrent jilmenta mill-perjodu Ottubru 2010 (meta gie mahtur Compliance Officer) sa ma spicca f'Awwissu 2013. Ghalhekk mhemmx lok li

wiehed jindaga ghalxiex huwa ma kellux car benefit qabel  Ottubru 2010. Wara din id-data, ir-rikorrent kien gie infurmat li l-kwistjoni tal-karozza kienet ghadha qed tigi studjata, u dan forsi veru peress li r-ristrutturar officjalment beda f'Gunju 2011.  Dan it-Tribunal ihoss li meta r-rikorrent tqieghed fil-grad ta' manager mentri dawk li kienu Executive Heads tqieghdu fi grad ta' senior managers, dan kien ezercizzju li bih ir-rikorrent gie diskriminat.  Il-kumpanija intimata m'ghandha ebda spjega plawsibbli ghaliex uhud mill-Executive Heads qabzu lir-rikorrenti fil-grad, bil-konsegwenza li 4 minn 6 kellhom il-beneficju tal-karozza, mentri r-rikorrent u persuna ohra le.  L-unika spjega li baqaghlha l-kumpanija intimata kienet il-performance.  Pero` l-kumpanija intimata prezentat biss Performance Appraisal li tirreferi ghal-2012, u cioe` ghal perjodu li jigi wara li r-rikorrent kien tqieghed fil-grad ta' manager bla car benefit.

U allura din l-ispjega tal-performance batuta ma tistax ma titqiesx bhala skuza "with hindsight" li qed tingieb biex tiggusitifika t-trattament diskriminatorju. Dan it-Tribunal ihoss li l-kumpanija kienet skuzata bejn Ottubru 2010 u Gunju 2011 jekk fil-formolazzjoni tal-policies taghha kienet ghadha ma ddecidietx dwar id-distribuzzjoni tal-gradi u lil min ser taghti car-benefit, pero' f'Gunju 2011 l-ezercizzju kien tlesta u r-ristrutturar kellu jqieghed lir-rikorrent fil-grad ta' senior manager, b'dan li jkollu car-benefit.

Dan ghalhekk iwassal lit-Tribunal ghall-konkluzjoni li bejn Gunju 2011 u Awwissu 2013 ir-rikorrent gie diskriminat meta inzamm fi grad li ma jgibx mieghu car benefit li kellu valur ta' €600 fix-xahar.  Dan ifisser li l-kumpanija intimata cahhdet lir-rikorrent minn 26 xahar ta' car benefit, li jammonta ghal €15,600.  Ma' dan it-Tribunal ser izid kumpens ta' €2,400 ghat-tratament diskriminatorju.

<u>DECIZJONI</u>

Ghaldaqstant, wara li dan it-Tribunal ra l-atti kollha ta' dan il-kaz, it-Tribunal qieghed fl-ewwel lok jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, u fit-tieni lok

jiddeciedi u jiddikjara li r-rikorrent kien gie diskriminat meta tqieghed fil-grad ta' manager li ma jgorrx mieghu l-beneficju ta' karozza, u ghal din id-diskriminazzjoni r-rikorrenti ghandu jigi kkumpensat mis-socjeta' intimata bl-ammont komplessiv ta' tmintax –il elf Euro (€18,000.00), u dan fi zmien tletin jum mill-lum. Ghall-finijiet tal-Kap 452 tal-ligijiet ta’ Malta rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta’ tlieta u disghin Euro (€93.00). B’hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr Leslie Cuschieri
Chairman